MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 636/2011

**JAMIE VELLA (ID 286083M)**

**VS**

**DAVID PACE (ID 475573M)**

Il-Qorti :

Rat ir-rikors ta' Jamie Vella tal-1 ta' Lulju 2011, li jaqra hekk:

1. *Illi il-partijiet huma komparenti fuq kuntratt pubbliku in atti Nutar Joseph Smith La Rosa, fejn il-konvenut intrabat li jhallas lill-attur l-ammont ta' €35,000 entro sentejn mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt, liema terminu skada fit-28 ta'Mejju 2011, liema ammont baqa ma thallasx, li kopja tiehu jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala DOK . A ;*

2. *Illi di piu', l-konvenut kien xtara makkinarju mill-attur ghal liema makkinarju, l-konvenut huwa debitur versu l-attur fl-ammont ta' €1,770, liema ammont baqa' ma thallasx u dan kif jixhdu il-kopji tac-cekkijiet il ma gewx onorati, liema kopji jinsabu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala DOK. B;*

3. *Illi ulterjorament, l-konvenut huwa debitur fil-konfront ta' l-attur fl-ammont ta' €5,000, ammont dovut fuq xiri ta' trakk ta' l-ghamla SD b'numru ta registrazzjoni IAJ 341, liema ammont baqa' ma thallasx;*

4. *Illi, ghalhekk, b'kollox, il-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma komplessiva ta' wiehed u erbghin elf, sebgha mija u sebghin Euro (€41,770) dovuti kif fuq premess;*

5. *Illi l-konvenut minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont minnu dovut, baqghet inadempjenti;*

6. *Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-attur, il-konvenut m'ghandu ebda eccezzjonijiet x'jissolleva kontra t-talbiet attrici;*

7. *Illi, ghaldaqstant, huma applikabbli ghal dawn il-proceduri d-disposizzjonijiet ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

8. *Illi dan kollu l-esponenti jaf bih personalment;*

9. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza*

*Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Taqta u tiddeciedi, il-konvenut ghaliex din il-kawza bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et. seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u*

2. *Konsegwentament, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma komplessiva ta' wiehed u erbghin elf u sebgha mija u sebghin Euro (€41,770) lilu dovuti kif fuq premess.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 t'April, 2011, u tal-Mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma' dan l-Att u bl-interessi skond il-Ligi sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunta ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotorju;

Rat li l-atti tar-rikors promotorju, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' David Pace tas-17 t'Ottubru 2011 ( a fol. 29 et seq) li taqra hekk:

1. *"Illi preliminarjament din il-kawza ghandha tinstema kontestwalment ma'kawza ohra li hemm pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta hemm kawza fl-ismijiet David Pace vs Jamie Vella (Citaz. Nru 508/11 GC) fejn qed tintalab ir-rixessjoni tal-kuntratt a bazi ta' liema l-attur qieghed jitlob l-ammonti li qed jippretendi f'din il-kawza;*

2. *Illi in efetti kif gja gie sottomess fil-kawza l-ohra suriferita l-esponent skopra li gie ngannat fil-kuntratt in kwistjoni u dan peress illi l-avvjament ma kien jiswa xejn u l-assi konsistenti fi skips u trakkijiet ma kienux iktar idonei;*

3. *Illi in effetti kollox kien out-dated u dan stante li ftit wara li gie ffirmat il-kuntratt in kwistjoni l-iskart ried jibda jigi separat u ghalhekk l-apparat mixtri ma kienx idoneu;*

4. *Illi tant hu minnu dan illi l-maggoranza tax-xoghol ittiehed minn azjenda ohra bhal dawk tal-Green Pak u tal-Green MT;*

5. *Illi l-attur kien jaf b'dan l-istat ta' fatt pero oskurah malizzjozament mill-esponent u kien ghalhekk illi qed jintalab ir-rexessjoni tal-kuntratt in kwistjoni, stante li l-kunsens ta' l-esponent kien vizzjat;*

6. *Salvi eccezzjoni ulterjuri "*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tal-24 t'April 2013 fejn l-atti tar-rikors 508/2011 tal-kawza fl-ismijiet inversi, qedgha tinstema kontestwalment mal-kawza odjerna u fejn il-partijiet qabblu li xhieda moghtija fir-rikos 508/2011 ghandhom japplikaw ukoll ghal din il-kawza (a fol. 59);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' David Pace tat-3 ta' Frar 2014 (a fol. 75 et. seq. tal-process 508/2011/JPG);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ta' Jamie Vella tal-10 ta'Marzu 2014 (a fol.77 et seq tal-process 636/2011/JPG);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta illi David Pace, permezz ta' kuntratt datat 28 ta' Mejju 2009, xtara minghand Jamie Vella l-avvjament u l-assi ta' negozju ta' provvista ta servizz ta' skips u scammels – vide fol. 15 sa 32.

Illi Pace jallega li wara li sar in-negozju huwa skopra li kien gie ngannat u dan peress li l-avvjament ma kien jiswa xejn u li l-assi konsistenti fl-iskips u t-trakkijiet ma kienux iktar idoneji u dan minhabba l-fatt li kollox kien out-dated ghaliex ftit wara li giet iffirmata l-iskrittura de quo, l-iskart ried jibda jigi separat u ghalhekk l-apparat mixtri ma kienx idoneju.

Illi minhabba f'hekk Pace ma setax jiehu x-xoghol jew parti mix-xoghol li kien hemm f'dan is-settur u socjetajiet ohra li kellhom l-appart idoneju hadu dan ix-xoghol.

Pace allega li ma kienx jaf bit-tibdil fis-sistema meta ffirma l-kuntratt de quo izda li Jamie Vella kien jaf u naqqas milli jgharraf lil Pace.

Pace xehed illi huwa ma kien hallas xejn meta iffirma l-kuntratt ghaliex il-hlas kellu jsir xi sena wara. Pace xehed illi ghar-rigward ta' wiehed mit-trakkijiet, dan mill-ewwel ma bediex jahdem, waqt illi l-iehor wara gimgha gralu hsara fix-*chassis*, u meta mar ghand il-*mechanic* qalllu illi ma kienx ekonomikament vijabli biex jissewwa. Illi ghaldaqstant huwa kellu jixtri it-trakkijiet minn barra bi prezz ta' sebghat elef Ewro (€7,000). Illi di piu', rrizulta illi minkejja l-kuntratt kien jitkellem dwar tmenin skip, parti sostanzjali ta' dawn l-iskips kienu jappartienu lil terz u cioe' certu Zeppu, li gabar nofs l-iskips ghax sostna li kienu tieghu.

Illi mill-affidavit tieghu minn a fol. 41 sa 44 David Pace xehed illi huwa sar jaf bin-negozju ta'Vella ghaliex fil-bidu s-socjeta' Greenlines kienet interessata li tixtri in-negozju ta' Vella. Jinghad illi dak iz-zmien David Pace kien jahdem ma Greenlines li ghaldaqstant talbitu biex jiehu ir-ronda ta' Vella halli jaraw jekk in-negozju kienx jghodd ghal-Greenlines. Greenlines fil-fatt ma kienitx intrigat sabiex tiehu ix-xoghol ta'Vella. Nelfrattemp David Pace ma baqghax jahdem ma Greenlines u thajjar jiehu x-xoghol ta' Jamie Vella. David Pace xehed illi ghalkemm ipprova jakkwista *loan* minghand il-banek, huwa ma rnexxielu jikseb ebda facilita' bankarja. Illi sussegwentement il-partijiet ftehmu li Pace ihallas lil Vella wara sentejn, mill-qliegh li jkun ghamel mix-xoghol stess. Gie muri trakk Sedon Atkinson u trakk iehor tal-marka ERF bil-high up mieghu u Vella accertah illi jahdmu. Sar il-kuntratt quddiem in-Nutar Smith La Rosa.

Pace xehed illi biex il-*mechanic* dahrlu l-Atkinson nefaq elf lira Maltin (Lm1,000). Illi di piu' mal-ewwel gurnata dan waqaf. Meta informa b'dana kollu lil Vella, Vella ippropona illi jbieghlu trakk iehor tal-marka SD ghal prezz ta' elfejn lira. Pace xehed li kien daru mal-hajt u kien kostrett li jixtri dan it-trakk biex ikun jista' jahdem. Gara' illi anke dan it-trakk inqalghulu problemi kbar u hadem biss ghal madwar xahar, ghaliex kellu ix-*chassis* iwweldjat u dan ix-*chassis* inkiser. Nelfrattemp is-Sindku tal-Mellieha beda jilmenta ma Pace illi ma riedux jahdem ir-rotta b'dawk it-trakkijiet li kien bieghlu Vella ghaliex kienu jdahhnu u jwaqqghu iz-zibel. Illi di piu' parti kbira mill-iskips kienu ittimbrati bil-marka NC u Zeppu beda jigbor dawn l-iskips hekk immarkati u informa lil Pace illi Vella kien seraqomlu. Minkejja illi Pace kien informa b'dana kollu lil Vella, Vella kien jghidluli ma setgha jaghmel xejn.

Mix-xhieda ta’ Stefan Fenech, Direttur tal-Paradise Bay Hotel a fol. 54 et seq. irrizulta illi David Pace beda jiehu hsieb l-iskart mill-1 ta’ Gunu 2009 sal-31 t’Ottubru 2010,f’liema data informahom li ma setghax ikompli.

Joseph Deguara a fol. 58 et seq. Direttur tal-Panorama Hotel Mellieha, ikkonferma xhieda tax-xhud precedenti, izda qal illi Pace ma baghax jaghti s-servizz tal-gbir tal-iskart. Deguara sostna li dan is-servizz ma kienx tajjeb – vide fol. 59.

Minn naha l-ohra Jamie Vella xehed (a fol. 40 sa 42 tal-atti 636/2011), illi huwa kien ilu fin-negozju tal-iskips u l-iskammels ghal madwar ghaxar snin u xtaq illi jieqaf,
***“ ‘l ghaliex ma riedx illi jahdem iktar bil-lejl.”***

Pace, li kien jahdem ma Greenlines kien ghamel bejn erbgha u hames gimghat idur ir-ronda mieghu sabiex jidra r-rotta. Vella ikkonferma illi Pace ma kisibx facilita’ bankarja u ghalhekk hu (Vella) accetta illi l-pagamenti jibdew isiru wara sentejn. Vella xehed illi huwa ghadda l-lista tal-klijenti tieghu lil Pace u laqqaghom mieghu. Ikkonferma ukoll illi huwa inghata hames cekkijiet ta’ hames mija u disghin Ewro (€590) minghand Pace, izda ssarfu biss l-ewwel tnejn. Dawn ic-cekkijiet jirreferu ghall-oggetti ohra illi kien biegh lil Pace wara li kien sar il-kuntratt, u jinkludu apparat tal-*welding* u *power wash*. Vella xehed illi insegwitu tal-kuntratt, dahhlet is-sistema tas-separazzjoni tal-iskart li kienet ilha imsemija illi sejra tidhol:

***“... lil David ma qaghdx nghidlu xejn fir-rigward ta’ dan,***(il-bdil fis-sistema tal-gbir tal-iskart) ***ma kontx naf meta ser tidhol din is-sistema. Din is-sistema kienet tfisser li trid thalli tlett skips ghand il-klijent.”*** (Ibid)

Vella xehed li huwa kien dejjem uza l-istess apparat li biegh lil David u qatt ma kellu problemi. Vella xehed illi huwa kellu lista ta’ klijenti cioe’ lukandi u ristoranti kollha fl-inhawi tal-Mellieha u kien jarmi l-iskart il-Maghtab. Vella xehed illi Pace sahhansitra kien halla skips warajh fil-Paradise Bay Hotels, beda jitraskura u ma bediex jigbor l-iskart ta’ kuljum.

Vella, in kontro ezami, **ma setghax jghid meta dahlet is-sistema tar-reciklagg, izda jghid li zgur li kien ghadda xahar mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt.**

Vella xehed li din is-sistema ta’reciklagg kienet tinvolvi hlas ghal kull operazzjoni li ssir:*“Jekk inti ha tmur tigbor separatament, ser tithallas separatament,”* izda li kienet tirrikjedi izjed skips. A fol. 71, Vella innega li l-iskips illi biegh lil Pace kienu ta’ terzi.

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-kawza hija konnessa mal-kawza 508/2011 JPG fl-ismijiet inversi. David Pace f’dik il-kawza kien talab din il-Qorti:

> *“1. Tiddikjara li meta i-kontendenti ffirmaw l-ftehim datat tmienja u ghoxin ta' Mejju 2009, ghalkemm il-konvenut kien jaf illi l-assi ma setghux jibqghu jintuzaw, naqes milli jinforma lill-attur b'dan,*
>
> *2. Tiddikjara konsegwentement illi l-kunsens ta' l-attur meta ffirma l-ftehim datat tmienja u ghoxrin ta' Mejju 2009 kien vizzjat.*
>
> *3. Tirrixendi l-iskrittura datat tmienja u ghoxrin ta' Mejju 2009,”*

Illi ghal dawn it-talbiet Jamie Vella kien ppresentat varji eccezzjonijiet.

Illi Jamie Vella ippresenta wkoll dan ir-rikors odjern li fih talab lil Qorti tikkundanna lil Pace ihallas is-somma ta' €41,770 rappresentanti din is-somma debibi varji skont l-iskrittura tat-28 ta' Mejju 2009.

Illi l-eccezzjonijiet ta’Pace fil-kawza odjerna kienu sostanzjalment l-istess bhat-talbiet fil-kawza 508/2011JPG.

Illi ghalhekk il-kawzi Nru 636/11 JPG u Nru 508/11 JPG instemghu kontestwalment u din il-Qorti tqis illi l-ewwel materja li kellha tigi ezaminata u deciza kienet jekk il-kunsens ta' Pace kienx ivvizzjat meta ffirma l-iskrittura tat-28 ta' Mejju 2009 li bih xtara avvjament u trakkijiet ta' gbir ta' skart minghand Jamie Vella. Dan ghaliex din il-materja hija l-qofol tal-eccezzjonijiet odjerni u tat-talbiet fil-kawza Citaz. Nru 508/11 JPG.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet fil-kawza 508/11 JPG deciza illum stess:

> *"Din il-Qorti tgharaf illi fil-kaz in ezami l-attur kien semplici impjegat, (driver ta' scammel) mal-Greenlines, u minkejja illi ghamel ma madwar xahar idur ir-rotta ma Jamie Vella, Jamie Vella f'ebda mument tul in-negozjati, ma gibed l-attenzjoni l-attur li is-sistema ta' separazzjoni tal-iskart kienet appena li ser tidhol in vigore. Illi z-zamma ta' din l-informazzjoni daqs tant essenzjali, giet pjenament ammessa minn Jamie Vella meta afferma:*
>
> ***"... lil David ma qaghdx nghidlu xejn fir-rigward ta' dan,****(il-bdil fis-sistema tal-gbir tal-iskart)* ***ma kontx naf meta ser tidhol din is-sistema. Din is-sistema kienet tfisser li trid thalli tlett skips ghand il-klijent."*** *(a fol. 41- 42 fl-atti 636/2011)*
>
> *Din il-Qorti issibha difficli immens biex temmen il-verzjoni ta' Jamie Vella, li wara tnax–il sena esperjenza fil-mistier, ghazel li jbiegh in-negozju fi zmien vicin hafna (ftit iktar minn xahar) minn meta din is-sistema ta'separazzjoni tal-iskart dahhlet fis-sehh. Ghall-kuntrarju din il-Qorti temmen, illi kienet attwalment il-migja imminenti ta' din is-sistema tas-separazzjoni tal-iskart, illi wasslet lil Vella sabiex ibiegh in-negozju tieghu. Ta' min jinnota illi s-socjeta' Greenlines kienet ghazlet illi ma tassumiex in-negozju ta'Vella.*
>
> *Di piu' jirrizulta mill-provi prodotti illi Jamie Vella kien biegh z-zewg trakkijiet lill-attur David Pace li kienu misjurin sew, u li waqqfu jahdmu ftit wara li gew assenjati lil Pace, tant li Pace kien kostrett jixtri trakkijiet ohra minn barra minn Malta, bi spiza ulterjuri ta' sebghat elef lira Maltin. In oltre jirrizulta wkoll illi minkejja li s-sistema l-gdida ta' separazzjoni tal-iskart,* ***kienet tirrikjedi zieda ta' skips,*** *jirrizulta illi nofs l-iskips li kellhom jigu konsenjati mal-kuntratt, kienu fil-fatt proprjeta ta' terz, certu Zeppi li qabad u gabarhom. Fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi kollha kien impossibli ghal Pace li jkompli jopera.*

*Illi skond Dok. A il-kuntratt bejn il-partijiet, - vide fol. 4, il-bejjiegh u cioe' Jamie Vella iggarantixxa fi Klawsola V(c) li :*

***There is no fact or circumstance relating to the Going Concern or the Assets known or which ought reasonably to be known to the Vendor, which had not been disclosed in writing to the Purchaser prior to or contemporaneously with the execution of this deed and which, if disclosed, might reasonably have been expected to influence the decision of the Purchaser to purchase the Going Concern and the Assets at the Consideration and/or on the terms contained in this deed or at all.***

*Din il-Qorti tqis illi l-migja imminenti tad-dhul in vigore tas-sistema tal-iskart kienet fattur kardinali li kellu jigi mgharraf lil Pace qabel l-iffirmar tal-kuntratt meritu tar-rikors.*

*Illi l-Qorti hija tal-fehma illi apparti l-kwistjoni principali li fil-fatt Jamie Vella kien jaf li kienet ser tinbidel is-sistema ta' gbir tal-iskart u zamm dan mistur mill-attur u kompla bin-negozju, l-Qorti trid tanalizza wkoll, l-effett jew l-impatt fil-bdil tas-sistema tal-gbir tal-iskart, u jekk kienx ta' tali piz li l-attur, kieku kien jaf, ma kienx ser jidhol ghal dan in-negozju.*

*Il-Qorti tifhem illi l-bidla fis-sistema tal-iskart kellha impatt kbir fuq in-negozju li Vella biegh lill-attur, 'l ghaliex din is-sistema kienet tirrikjedi ferm aktar xoghol, u ferm aktar skips, operazzjoni ta' tindif aktar spissi, u rondi aktar frekwenti. Illi din il-Qorti tqis illi Jamie Vella u socjetajiet ohra f'dan it-tip ta' negozju, kienu jafu illi l-bidla fil-gbir tal-iskart kienet imminenti, u ghaldaqstant dan kien fattur illi certament jaqa taht l-Klawsola V(c), u cioe' fattur li kellu jigi komunikat lill-attur Pace,kif kellu ukoll jigi spjegat lilu il-konsegwenzi li din is-sistema ta' separazzjoni ta' skart kellha iggib maghha. Illi l-bejjiegh Vella permezz ta' Klawsola V(c) estenda ukoll l-istess garanzija fuq l-assi tan-negozju, inkluzi allura l-iskips, liema assi irrezultaw illi fil-fatt kienu jappartienu*

> *lil terzi. Dawn iz-zewg fatturi u cioe' d-dhul imminenti fl-operazzjoni tas-sistema tas-separazzjoni tal-iskart u l-kwantita' ta' skips bhala fatturi, zgur illi kieku gew mgharfa lill-attur, kienu ser jinfluwenzaw b'mod negattiv, id-decizjoni tal-attur fix-xiri tan-negozju u l-assi skond il-prezz miftiehem. Illi di piu' l-ingenji illi gew mibjugha lill-attur, l-ingenji essenzjali ghan-negozju tal-gbir tal-iskart, ma kienux kapaci illi jwettqu l-iskop 'l ghaliex kienu nbieghu, u din il-Qorti tifhem illi Vella certament kien jaf sewwa bil-kondizzjoni mweghra ta' dawn l-ingenji kif kien jaf ukoll bl-ilmenti li l-awtoritajiet kienu ghamlu dwarhom. Il-Qorti tifhem u tqis illli Vella permezz ta' dan il-kuntratt kien qed jehles minn dawn l-ingenji.*
>
> *Illi din il-Qorti qieset il-Klawsola V(c) tal-kuntratt u il-Klawsola VI tal-kuntratt datat 28 ta' Mejju 2009 fl-atti tan-Nutar Smith La Rosa u cioe' fejn l-assi gew mibjugha tale quale u din il-Qorti tgharaf illi l-Klawsola VI hija kompletament konfliggenti ma Klawsola V(c) u dan ukoll huwa indizju iehor car tal-mala fede da parti tal-intimat."*

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti sabet illi kien hemm vizzju tal-kunsens meta gie iffirmat il-kuntratt tat-28 ta' Mejju 2009 bejn il-partijiet, u ghaldaqstant irrexxendiet l-iskrittura imsemmija.

In vista tar-rexissjoni tal-kuntratt Dok. A a fol. 4 tal-process, din il-Qorti m'ghandiex alternattiva ghajr illi tichad t-talbiet tal-attur Jamie Vella, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut David Pace bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------